StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDAR[JI]**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**Il-Ħames Klassi — MALTI — L-Oral - Qari**

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 1 Il-Lvant Nofsani – minn *Dinja Waħda Ferħana*

**Din iż-żona ġeografika bdiet tiġi kkunsidrata hekk minn nofs is-seklu għoxrin. Fil-fatt m'għandhiex limiti ċari u għalhekk mhux kulħadd jaqbel liema huma l-pajjiżi li jagħmlu parti minn dan ir-reġjun. Fil-Lvant Nofsani nsibu tliet kulturi fundamentali: dik Persjana, dik Għarbija u dik Torka. It-tlieta li huma għandhom l-ilsien u l-etniċità tagħhom.**

**Minn nofs is-seklu għoxrin, il-Lvant Nofsani sab ruħu f'nofs kwistjonijiet dinjija wkoll, minħabba l-fatt li strateġikament, ekonomikament u kulturalment, hija forsi ż-żona l-aktar sensittiva tad-dinja bħalissa.**

**Fil-pajjiżi ta' dan ir-reġjun insibu ħafna miż-żejt mhux raffinat tad-dinja. Aktar minn żewġ terzi taż-żejt tad-dinja kollha jiġi minn hawn.**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Meta bdiet tkun ikkunsidrata hekk iż-żona, għalkemm mhux kulħadd jaqbel.*
- *Hemm tliet kulturi ewlenin.*
- *Sab ruħu fi kwistjonijiet dinjija u huwa forsi l-aktar żona sensittiva.*
- *Fih żewġ terzi taż-żejt tad-dinja kollha.*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDAR**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 2 Tgeddes Sew… Minn: *Editorjal R+M*

**Issa beda l-ksieħ. It-temp iffriska, xita, bard… Kowtijiet, xalel, ingwanti, kpiepel u brieret, *wind-cheaters* u *sweaters, boots* u *raincoats*… Kull xorta ta' lbies biex ma nħossux bard, ma nixxarrbux…**

**U d-djar tagħna l-istess. Nifirxu t-twapet fil-kmamar, il-*quilts* fuq is-sodod, nixegħlu l-*heaters* jew il-*fireplace* u nagħlqu l-purtieri… Ix-xitwa hija żmien meta wieħed jitgeddes, ifittex aktar li jkun ġewwa għar-rdoss. Għax barra hemm il-ksieħ!**

**Min ma jiħux gost jitgeddes taħt il-kutri f'lejla xitwija? Kulħadd jiftakar il-gost ta' meta, ta' tfal li konna, kienet tiġi ommna, jew missierna, idaħħluna fis-sodda u jgeddsuna taħt il-kutri. F'moħħna jibqa' stampat il-gost ta' dik is-sħana li naqra naqra twarrab id-daqsxejn reżħa tal-lożor, u ħaddejna jindifnu fl-imħaded rotob għal lejl ieħor.**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Meta t-temp jiffriska, naħsbu għal ħwejjeġ addattati.*
- *Inħejju d-djar ukoll għax infittxu ġewwa u mhux barra.*
- *Kulħadd iħobb jitgeddes u jiftakar fil-gost tat-tfulija meta kien imur biex jorqod.*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDAR**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**3** **Minn: Ward Wara l-Grada – *G. Peresso***

**L-ewwel esperjenza tiegħi ta' Bormla teħodni lura lejn tfuliti. Żmien ilu wara l-gwerra. Bormla ħerba waħda. Iżda n-naħa ta' Santa Margerita, minkejja xi dar imġarrfa 'l hemm u 'l hawn, kien għad fadlilha dehra sinjorili.**

**Djar kbar u sbieħ. Bibien kbar u ħbabat tar-ram. U grada tal-ħadid. Uħud minnhom bil-ġnien. Kull dar kellha qanpiena tal-bieb bil-ġebbieda tar-ram.**

**Ħames toroq kienu jieħdu għal din il-pjazza. U fuq l-għolja knisja żgħira li għaliha titla' b'taraġ mifrux tul il-faċċata kollha. Daħla trijonfali b'arkati stil barokk. Kollox imdawwar u mħares minn gradi tal-ħadid.**

**Għal erba' snin, il-familja tiegħi kienet toqgħod f'dar fil-qrib. Dar żgħira bla grada, bla qanpiena tar-ram, bla ġnien. Għalija kienu snin sbieħ.**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *In-naħa ta' Santa Margerita f'Bormla fl-ewwel żmien ta' wara l-gwerra.*
- *Deskrizzjoni tad-djar.*
- *Deskrizzjoni tal-knisja.*
- *Iż-żmien li kienu joqogħdu hemm għall-awtur kien sabiħ.*

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDAR**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**4** **Minn: Tort tal-Umdità - *Mary Vella***

**Ħafna jassoċjaw l-artrite jew ir-rewmatiżmu mal-umdità li għandna f'pajjiżna. Imma fil-fatt f'Malta m'għandniex xi rata ta' artrite jew rewmatiżmu ogħla minn pajjiżi oħra!**

**Taħt il-kappa tal-artrite u r-rewmatiżmu jaqgħu mal-mitejn marda differenti. Il-kawża tista' tvarja ħafna. Xi drabi l-kawża ma nafuhiex. Għalhekk mhux dejjem nistgħu nevitawha. Ċertu mard hu aktar komuni fl-anzjani.**

**L-artrite mhijiex ereditarja, għalkemm xi wħud ikollhom it-tendenza għaliha. Jeżisti għajdut dwar l-artrite - ħafna minnu bla ebda bażi. L-importanti hu li kull min ikun ibati minn xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ikun jaf jieħu ħsieb tiegħu nnifsu biex ikompli jgħix ħajja kemm jista' jkun normali.**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Artrite u rewmatiżmu huma assoċjati mal-umdità f'pajjiżna, iżda m'hawnx xi rata għolja.*
- *Hemm ħafna tipi differenti, xi drabi l-kawżi mhux magħrufa, għalkemm ċertu mard komuni fl-anzjani.*
- *Mhix ereditarja, jeżistu tendenzi għaliha imma hemm għajdut bla bażi.*
- *Importanti li wieħed ikun jaf jieħu ħsieb tiegħu nnifsu.*

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDAR**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**5** **L-Onestà – minn: *Il-Paċi Magħkom***

**Amerikan miżżewweġ u missier żewġt itfal kien jaħdem bħala għalliem tas-sewqan fi New York. Sid il-kumpanija beda jumbrah u jirrabja għalih għax, tista' tgħid, dawk kollha li kien jgħallem kienu jgħaddu mill-ewwel u wara ftit lezzjonijiet biss.**

**L-imgħallem sab lill-ħaddiem u ordnalu biex ma jimliex aktar bil-kunfidenza lil dawk li jmorru jitgħallmu u jgħidilhom li kellhom bżonn aktar lezzjonijiet. Iżda l-għalliem wieġbu: "Xogħli hu li ngħallimhom. U dan se nibqa' nagħmel."**

**Quddiem din l-onestà tal-ħaddiem, sid il-kumpanija ċeda u beda jirriklama li d-ditta tiegħu tgħinek tibda ssuq malajr u tajjeb. Hekk beda jaqla' aktar flus. L-onestà hi l-aħjar politika, jgħidu l-Ingliżi. U hekk hu tabilħaqq!**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Għalliem tas-sewqan umbrat minn sid il-kumpanija għax dawk li kien jgħallem kienu jgħaddu malajr.*
- *Ma riedx jobdi lill-imgħallem biex dawk li jitgħallmu jieħdu aktar lezzjonijiet.*
- *Għall-onestà tal-għalliem, l-imgħallem beda jirriklama mod ieħor u għamel aktar flus – l-onestà tirrendi.*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**6** **Minn: Waħda għal kull 50 ruħ –** ***Roderick Busuttil***

**Jekk terħilha fil-kampanja Maltija, tara numru sabiħ ta' knejjes żgħar jew kappelli. Dawn issibhom fl-inqas postijiet li tista' tistenniehom: fil-widien, fuq l-għoljiet, fl-għerien u saħansitra f'xifer l-irdum, postijiet li ħafna drabi ma jkunx dejjem faċli li tilħaqhom.**

**Imma dawn huma kappelli jew knejjes żgħar? Interessanti ħafna d-distinzjoni bejniethom. Bil-kelma Kappella wieħed jifhem parti minn knisja ikbar, bħal dawk li nsibu fil-knejjes parrokkjali tagħna, bl-artali tagħhom. Kappella ma tkunx fiżikament indipendenti. Dawn il-kappelli aktarx li bdew jidhru f'pajjiżna fis-seklu tlettax, meta f'pajjiżna kienu reġgħu ġew ħakkiema Kristjani.**

**Il-knisja ta' Santa Marija ta' Kemmuna tissemma sa mill-1296 u jidher li kienet waħda minn tal-bidu li nbnew. Is-sekli ħmistax u sittax raw żieda kbira fil-bini ta' dawn il-knejjes. Hekk imbagħad fiż-żjara pastorali tiegħu f'Malta tal-1575, Monsinjur Pietro Dusina sab mhux anqas minn 428 kappella jew knisja f'Malta u Għawdex, meta l-popolazzjoni kienet biss ta' għoxrin elf ruħ.**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Fil-kampanja ssib ħafna knejjes żgħar, ġieli fejn ma tkunx tistenniehom.*
- *Xi tkun sewwasew kappella/ knisja u meta bdew jinbnew.*
- *Il-qedem tal-knisja ta' Kemmuna, u l-fatt li żdiedu ħafna knejjes fis-seklu sittax u li fl-1575 minnhom kien hemm 428.*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

StudentBounty.com

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Taħdita**

## (Karta tal-Eżaminatur)

***Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop.***

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)**

### IL-KULTURA: ASPETTI FOLKLORISTIĊI

- X'tifhem meta tgħid folklor, b'mod ġenerali, u semmi xi eżempji ta' xejriet folkloristiċi tal-gżejjer Maltin.
- F'pajjiżna għad hawn xi drawwiet, ħidmiet jew aspetti oħra ta' attività ta' folklor li għadhom ħajjin – li għadhom jiġu pprattikati?

**J E W**

### IL-KULTURA: ASPETTI TA' ŻMIENNA

- X'jgħaddilek minn moħħok meta tisma' l-frażijiet: Kultura Maltija jew Identità Maltija?
- Mit-tiftix li għamilt tara differenzi bejn il-mod kif jgħixu l-Maltin ta' llum u dawk ta' xi żmien ilu? Agħti eżempji jew mill-ħajja tax-xogħol, jew mit-tip ta' djar fejn jgħixu, jew minn kif jilbsu jew mod ieħor.
- Jekk inti dilettant/a tal-mużika, ta' l-arti jew inkella tal-isport, tkellem fuq xi ħaġa minn dawn f'Malta llum. Jekk trid, qabbel ma' dak li studjajt jew qrajt dwar dawn l-istess aspetti ta' ħajja Maltija fl-imgħoddi.

**J E W**

### LINGWA: ASPETTI STORIĊI U TA' ŻMIENNA

- Agħti tagħrif dwar kif l-ilsien Malti wasal biex isir il-lingwa li nitkellmu llum.
- Il-mezzi ta' komunikazzjoni ta' żmienna u dawk in-nies li jidhru, jinstemgħu jew jiktbu fuqhom jistgħu jinfluwenzaw il-lingwa Maltija? Fisser fil-qosor ħafna, kif u għaliex.
- Huwa bilfors meħtieġ li ndaħħlu kliem ġdid fl-ilsien Malti minħabba xejriet ġodda ta' ħajja bħal teknoloġija, sport, jew modi oħra ta' divertiment? Agħti eżempji.
- It-tagħlim ta' lingwa jew lingwi oħra għadu ta' ħtieġa għalina l-Maltin illum? Agħti argumenti għall-opinjoni tiegħek.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral – Qari**

**(Karta tal-istudenti)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**1** **Il-Lvant Nofsani – minn *Dinja Waħda Ferħana***

**Din iż-żona ġeografika bdiet tiġi kkunsidrata hekk minn nofs is-seklu għoxrin. Fil-fatt m'għandhiex limiti ċari u għalhekk mhux kulħadd jaqbel liema huma l-pajjiżi li jagħmlu parti minn dan ir-reġjun. Fil-Lvant Nofsani nsibu tliet kulturi fundamentali: dik Persjana, dik Għarbija u dik Torka. It-tlieta li huma għandhom l-ilsien u l-etniċità tagħhom.**

**Minn nofs is-seklu għoxrin, il-Lvant Nofsani sab ruħu f'nofs kwistjonijiet dinjija wkoll, minħabba l-fatt li strateġikament, ekonomikament u kulturalment, hija forsi ż-żona l-aktar sensittiva tad-dinja bħalissa.**

**Fil-pajjiżi ta' dan ir-reġjun insibu ħafna miż-żejt mhux raffinat tad-dinja. Aktar minn żewġ terzi taż-żejt tad-dinja kollha jiġi minn hawn.**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDAR[JI]**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral – Qari**

**(Karta tal-istudenti)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**2** **Tgeddes Sew… Minn:** ***Editorjal R+M***

**Issa beda l-ksieħ. It-temp iffriska, xita, bard… Kowtijiet, xalel, ingwanti, kpiepel u brieret, *wind-cheaters* u *sweaters, boots* u *raincoats*… Kull xorta ta' lbies biex ma nħossux bard, ma nixxarbux…**

**U d-djar tagħna l-istess. Nifirxu t-twapet fil-kmamar, il-*quilts* fuq is-sodod, nixegħlu l-*heaters* jew il-*fireplace* u nagħlqu l-purtieri… Ix-xitwa hija żmien meta wieħed jitgeddes, ifittex aktar li jkun ġewwa għar-rdoss. Għax barra hemm il-ksieħ!**

**Min ma jiħux gost jitgeddes taħt il-kutri f'lejla xitwija? Kulħadd jiftakar il-gost ta' meta, ta' tfal li konna, kienet tiġi ommna, jew missierna, idaħħluna fis-sodda u jgeddsuna taħt il-kutri. F'moħħna jibqa' stampat il-gost ta' dik is-sħana li naqra naqra twarrab id-daqsxejn reżħa tal-lożor, u ħaddejna jindifnu fl-imħaded rotob għal lejl ieħor.**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**Il-Ħames Klassi MALTI L-Oral – Qari**

**(Karta tal-istudenti)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**3** **Minn: Ward Wara l-Grada –** ***G. Peresso***

**L-ewwel esperjenza tiegħi ta' Bormla teħodni lura lejn tfuliti. Żmien ilu wara l-gwerra. Bormla ħerba waħda. Iżda n-naħa ta' Santa Margerita, minkejja xi dar imġarrfa 'l hemm u 'l hawn, kien għad fadlilha dehra sinjorili.**

**Djar kbar u sbieħ. Bibien kbar u ħbabat tar-ram. U grada tal-ħadid. Uħud minnhom bil-ġnien. Kull dar kellha qanpiena tal-bieb bil-ġebbieda tar-ram.**

**Ħames toroq kienu jieħdu għal din il-pjazza. U fuq l-għolja knisja żgħira li għaliha titla' b'taraġ mifrux tul il-faċċata kollha. Daħla trijonfali b'arkati stil barokk. Kollox imdawwar u mħares minn gradi tal-ħadid.**

**Għal erba' snin, il-familja tiegħi kienet toqgħod f'dar fil-qrib. Dar żgħira bla grada, bla qanpiena tar-ram, bla ġnien. Għalija kienu snin sbieħ.**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral – Qari**

**(Karta tal-istudenti)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**4** **Minn: Tort tal-Umdità - *Mary Vella***

**Ħafna jassoċjaw l-artrite jew ir-rewmatiżmu ma' l-umdità li għandna f'pajjiżna. Imma fil-fatt f'Malta m'għandniex xi rata ta' artrite jew rewmatiżmu ogħla minn pajjiżi oħra!**

**Taħt il-kappa tal-artrite u r-rewmatiżmu jaqgħu mal-mitejn marda differenti. Il-kawża tista' tvarja ħafna. Xi drabi l-kawża ma nafuhiex. Għalhekk mhux dejjem nistgħu nevitawha. Ċertu mard hu aktar komuni fl-anzjani.**

**L-artrite mhijiex ereditarja, għalkemm xi wħud ikollhom it-tendenza għaliha. Jeżisti għajdut dwar l-artrite - ħafna minnu bla ebda bażi. L-importanti hu li kull min ikun ibati minn xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ikun jaf jieħu ħsieb tiegħu nnifsu biex ikompli jgħix ħajja kemm jista' jkun normali.**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral – Qari**

**(Karta tal-istudenti)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**5** **L-Onestà – minn:** ***Il-Paċi Magħkom***

**Amerikan miżżewweġ u missier żewġt itfal kien jaħdem bħala għalliem tas-sewqan fi New York. Sid il-kumpanija beda jumbrah u jirrabja għalih għax, tista' tgħid, dawk kollha li kien jgħallem kienu jgħaddu mill-ewwel u wara ftit lezzjonijiet biss.**

**L-imgħallem sab lill-ħaddiem u ordnalu biex ma jimliex aktar bil-kunfidenza lil dawk li jmorru jitgħallmu u jgħidilhom li kellhom bżonn aktar lezzjonijiet. Iżda l-għalliem wieġbu: "Xogħli hu li ngħallimhom. U dan se nibqa' nagħmel."**

**Quddiem din l-onestà tal-ħaddiem, sid il-kumpanija ċeda u beda jirriklama li d-ditta tiegħu tgħinek tibda ssuq malajr u tajjeb. Hekk beda jaqla' aktar flus. L-onestà hi l-aħjar politika, jgħidu l-Ingliżi. U hekk hu tabilħaqq!**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**
**Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**Il-Ħames Klassi MALTI L-Oral – Qari**

**(Karta tal-istudenti)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**6** **Minn: Waħda għal kull 50 ruħ –** ***Roderick Busuttil***

**Jekk terħilha fil-kampanja Maltija, tara numru sabiħ ta' knejjes żgħar jew kappelli. Dawn issibhom fl-inqas postijiet li tista' tistenniehom: fil-widien, fuq l-għoljiet, fl-għerien u saħansitra f'xifer l-irdum, postijiet li ħafna drabi ma jkunx dejjem faċli li tilħaqhom.**

**Imma dawn huma kappelli jew knejjes żgħar? Interessanti ħafna d-distinzjoni bejniethom. Bil-kelma Kappella wieħed jifhem parti minn knisja ikbar, bħal dawk li nsibu fil-knejjes parrokkjali tagħna, bl-artali tagħhom. Kappella ma tkunx fiżikament indipendenti. Dawn il-kappelli aktarx li bdew jidhru f'pajjiżna fis-seklu tlettax, meta f'pajjiżna kienu reġgħu ġew ħakkiema Kristjani.**

**Il-knisja ta' Santa Marija ta' Kemmuna tissemma sa mill-1296 u jidher li kienet waħda minn tal-bidu li nbnew. Is-sekli ħmistax u sittax raw żieda kbira fil-bini ta' dawn il-knejjes. Hekk imbagħad fiż-żjara pastorali tiegħu f'Malta tal-1575, Monsinjur Pietro Dusina sab mhux anqas minn 428 kappella jew knisja f'Malta u Għawdex, meta l-popolazzjoni kienet biss ta' għoxrin elf ruħ.**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers